# Q O R T I   T A L  -  A P P E L L   K R I M I N A L I .

Onor. Imhallef Dr. Joseph Galea Debono B.A.,LL.D.

SEDUTA TAL-14 TA' MARZU, 2002.

Appell Nru. 203/2001 JGD

IL-PULIZIJA .

(Spettur Josric Mifsud.)

vs.

ANDRE' BUHAGIAR.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Andre' Buhagiar talli f'dawn il-Gzejjer , fit-13 ta' Dicembru, 2000, u f'dawn l-ahhar snin qabel din id-data ,
a) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dana bi ksur tal-art. 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta , liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu ;
b) biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza ;
c) u gie akkuzat ukoll talli ikkommetta dawn ir-reati f'post , jew gewwa centru , u jew f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta'post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha .

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali , tas-6 ta' Novembru, 2001 li biha l-appellant instab hati skond l-akkuzi u , dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17 tal-Kap.9 u l-Artikolu 8 u 22 (2) (b) (I) u it-tieni proviso tal-istess Artikolu tal-Kap . 101 , u r-Regolament 8 tal-GN 292/39 , ikkunndannat lill-appellant ghall-piena ta' disa' xhur prigunerija u hlas ta' multa ta' erba mitt lira Maltin (LM400) u irrakkomandat - fuq talba tal-istess imputat appellant - li l-imputat jigi konsidrat pozittivament ghall-programm SATU u in fine ordnat id-distruzzjoni tad-Dokument JM1 a kura tar-Registratur tal-Qorti .

Rat it-talba tal-appellant tal-istess data ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghall-fini ta' dan l-appell, liema talba giet akkordata taht obbligazzjoni personali fl-ammont ta' tlitt mitt lira Maltin (LM300)

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant tat-13 ta' Novembru, 2001 , fejn talab li din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokha fil-parti tal-piena u minnflok tigi imposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern , u tikkonfermha fil-bqija.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena tal-abbli difensur tal-appellant u tal-abbli Prosekutur fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2002.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Frar, 2002 li biha esebixxi fedina penali aggornata tal-appellant u dana bi ftehim mad-difiza registrat fl-istess seduta, kif ukoll in-nota l-ohra tal-istess data tal-Avukat Generali li biha wera fid-dettall kif li il-piena inflitta taqa' fil-parametri tal-ligi .

Ikkunsidrat ,

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena inflitta fuq l-appellant mill-ewwel Qorti ghax dwar il-htija ma hemmx kontestazzjoni .

Illi kif gie kostantement ritenut minn din il-Qorti kemm diversament preseduta kif ukoll kif preseduta, il-funzjoni ta‘ din il-Qorti ghar-rigward ta’ appelli dwar piena , hu dak li tara li il-piena inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti ma tkunx tohrog mill-parametri permessi mill-ligi , kif ukoll li tara li il-piena inflitta ma tkunx manifestament sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi ghalkemm l-abbli difensur issottometta li l-appellant illum hu impjegat bhala burdnar, tgharras u ma ghadx ghandu problema ta’ drogi (problema li sad-data tar-rikors tal-appell jidher li kien ghad ghandu almenu skond l-istess rikors) u li l-fedina penali tieghu hija nadifa apparti ksur tal-ligijiet tat-traffiku , mill-banda l-ohra ir-reat ta’ traffikar ta’ sustanzi stupefacenti , bl-aggravanti li dan sar f’inqas minn 100 metru mill-perimetru ta’post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh u cioe hdejn il-bandli tar-Rahal ta’ Hal Luqa u fil-pjazza tal-Knisja , huwa reat serjissimu f’ ghajnejn il-ligi u johloq allarm socjali kbir fis-socjeta’ Maltija li tara il-perikoli li ghalihom hija esposta il-gioventu’ Maltija b’agir bhal dak ammess mill-appellant . Dan l-allarm socjali u “awareness” tal-problema tad-droga jigi emfasizzat kulljum fuq il-media u l-mezzi tax-xandir u ma jistax facilment jigi imwarrab fil-gemb minn din il-Qorti , jekk mhux ghal ragunijiet serjissimi u f’kazijiet specjali .

Illi min-nota li esebixxa l-Avukat Generali jirrizulta li il-piena minima ghall-kaz odjern - bl-assunzjoni li kien hemm konkors formali bejn iz-zewg reati dedotti kontra l-appellant - hi ta’ xaharejn prigunerija , izda il-piena massima setghet tkun addirittura ta’ disa’ snin prigunerija, kalkoli li din il-Qorti taqbel maghhom .

Minn dan jidher li il-piena inflitta mill-ewwel Qorti hija ferm vicin il-minimu u hafna u hafna aktar baxxa mill-massimu tal-piena ta’ disgha (9) snin prigunerija , li sethet tigi inflitta . Jidher li meta infliggiet din il-piena miti , l-ewwel Qorti kienet gja hadet in konsiderazzjoni l-aggravji dedotti f’dan l-appell dwar il-piena u dik il-Qorti espressament semmiet il-fatturi kollha li jimmilitaw favur l-appellant u cioe’ il-fedina penali pjuttost nadifa tieghu ; il-fatt li hu kien jinsab fil-vizzju u li dak li ghamel , ma ghamlux ghal skop ta’lukru u li hu ikko-opera pjenament mall-Pulizija u tahom informazzjoni utili . Fil-fehma ta’ din il-Qorti kienu dawn il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tat-piena li tirrazenta il-piena minima .

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-piena .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma pjenament is-sentenza appellata, bir-rakkomandazzjoni - jekk l-appellant ghadu irid - li hu jigi konsidrat pozitivament ghall-programm SATU .

J. Galea Debono . 14.3.02.